# Kumitat Amministrattiv SWATAR

**Kunsilli Lokali ta' Birkikara u L-Imsida**

# Minuti

## Seduta Nru. 1/2010

Data: It-Tnejn, 12 ta' Lulju 2010

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud
John Mary Zahra
Jane (Yvonne) Spiteri
Mario Xuereb
Rudolph Cini
Michael Fenech Adami – Sindku ta' Birkirkara
Clifton Grima – Sindku ta' L-Imsida
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Kullħadd attenda fil-ħin.

Skużati: Ħadd

---

### AĠENDA

1) Talba
2) Ħatra Taċ-Chairman, Kumitat Amministrattiv SWATAR
3) Aċċettazzjoni tal-Ħatra taċ-Chairman, Kumitat Amministrattiv SWATAR
4) Ħatra tal-Viċi Chairman, Kumitat Amministrattiv SWATAR
5) Aċċettazzjoni tal-Ħatra tal-Viċi Chairman, Kumitat Amministrattiv SWATAR
6) Diskors miċ-Chairman
7) Struttura tal-Kumitat u rwoli tal-membri fil-Kumitat
8) Ftehim dwar il-Kalendarju Annwali tal-Kumitat
9) Aġġornament

---

## Kontenut

Annex A Minuti 1/2010

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Annex A**

## Minuti 1/2010

## 0. Iċ-Chairman Ta' L-Ewwel Seduta

0.1 Il-membru John Mary Zahra, bħala l-aktar membru anzjan fost il-membri tal-Kumitat Amministrattiv preżenti, ppresieda s-Seduta skond l-Artiklu 31 (3) ta' l-Att.

## 1. Talba

1.1 Iċ-Chairman qal it-talba

## 2. Ħatra Taċ-Chairman, Kumitat Amministrattiv SWATAR

2.1 Iċ-Chairman John Mary Zahra talab lill-Membru Mary Rose Mifsud jekk taċċettax il-ħatra ta’ Chairman.

## 3. Aċċettazzjoni tal-Ħatra taċ-Chairman, Kumitat Amministrattiv SWATAR

3.1 Il-Membru Mary Rose Mifsud aċċettat il-kariga u ġiet dikjarata Chairman tal-Kumitat Amministrattiv SWATAR.

## 4. Ħatra tal-Viċi Chairman, Kumitat Amministrattiv SWATAR

4.1 Iċ-Chairman Mary Rose Mifsud talbet lill-Membru John Mary Zahra jekk jaċċettax il-ħatra ta’ Viċi Chairman.

## 5. Aċċettazzjoni tal-Ħatra tal-Viċi Chairman, Kumitat Amministrattiv SWATAR

5.1 Il-Membru John Mary Zahra aċċetta il-kariga u ġie dikjarata Viċi Chairman tal-Kumitat Amministrattiv SWATAR.

## 6. Diskors miċ-Chairman

6.1 Iċ-Chairman Mary Rose Mifsud bdiet billi qalet talba rringrazzjat lill-dawk preżenti.

6.2 Iċ-Chairman qalet li trid issir ħidma qawwija għaż-żona tas-Swatar sabiex in-nuqasijiet li hemm jitranġaw.

6.3 Il-Kumitat Amministrattiv tas-SWATAR għandhu joħroġ b’inizjattiva billi jagħmel kampanja b’saħħitha fuq il-First Aid. Qalet ukoll li qed tgħamel taħdidiet ma diversi entitajiet fosthom il-Ministeru tas-Saħħa u d-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni sabiex issir kampanja fuq il-First Aid. Kampanja First Aid

Din il-kampanja issir biex inħajru lir-residenti mhux tas-Swatar biss iżda ta' Malta u Għawdex kollu biex japplikaw għall-courses tal-First Aid. Din il-kampanja hija mportamti ferm sabiex ikun hemm iktar nies biex jgħatu l-ewwel għajnuna u nevitaw li jsiru inċidenti oħra simili bħalma sar ġo restaurant. Il-persuna li mietet għax ma sabietx lill-xi ħadd minn itiha l-għajnuna tiġi mil-Viċi Chairman John Mary Zahra.

6.4 Qed isiru wkoll taħdidiet mal-Kunsilli Lokali sabiex jgħinuna biex tittella din il-kampanja. Il-Kunsilli tar-Rabat u ta' l-Għarb diġa jaqblu ma din il-kampanja u diġa lesti li jikkollaboraw. Il-ħsieb hu li nibdew billi kull Kunsillier f'Malta u Għawdex jieħdu course fuq First Aid u b'hekk diġa nkunu qegħdin ngħatu eżempju. Imbagħad il-courses jinfirxu fuq ir-residenti ta' Malta u Għawdex.

6.5 Il-Membru Rudolph Cini saqsa liċ-Chairman eżattament xi ħsieb hemm li jsir f'din il-kampanja. Barra minn hekk, is-Sur Cini qal li avolja din il-kampanja jaqbel magħha peress li hu ukoll jaħdem fil-qasam tas-saħħa, il-Kumitat għandhu jiffoka primarjament fuq dawk l-affarijiet li n-nies iridu li jittranġaw. Il-Kumitat jista' juża l-iskema tal-life-long learning fuq courses għaċ-ċittadin ta' First Aid.

6.6 Is-Sindku Micheal Fenech Adami irrimarka li l-aspettattiva tan-nies li eleġġu dan il-Kumitat hi li l-Kumitat Amministrattiv jgħamel id-differenza u jiffoka fuq dawk l-affarijiet l-iktar importanti. Il-Kumitat għandu jieħu ħsieb primarjament li jiċċekkja l-konfini tas-Swatar u jekk ikun il-każ jittranġaw għax hemm xi nies li jridu jibqgħu taħt il-Kunsill u mhux il-Kumitat. Barra minn hekk, il-Kumitat l-ewwel ma jrid jibda jara hu kemm għandhu flus allokat u x'se jibqgħalu wara li jitnaqqsu l-kuntratti eżistenti fuq is-Swatar.

6.7 Is-Segretarju irrisponda li ser jiltaqa mas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli rispettivi sabiex jaraw flimkien l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u x'ser ikollu flus għad-dispożizzjoni tal-Kumitat.

Laqgħa mas-Segretarji fuq l-allokazzjoni tal-Kumitat.

6.8 Il—Viċi Chairman John Mary Zahra qabel ma dawn il-kummenti u żied jgħid li isiru l-ewwel l-affarijiet importatnti u din il-kampanja tiġi wara.

6.9 Iċ-Chairman Mary Rose Mifsud qalet li l-Kumitat mhux ser iwarrab l-affarijiet importanti li vera jridu n-nies għax din il-kampanja ser tkun b'żieda max-xogħol li ser isir minn dan il-Kumitat.

6.10 Iċ-Chairman Mary Rose Mifsud kompliet id-diskors tagħha billi semmiet li fid-19 ta' Lulju 2010 ser issir laqgħa mal-kappillan sabiex il-Kumitat jara kif jista' jikkollabora mal-Knisja u sabiex il-Kumitat isaqsi lill-kappillan jekk ma jkunx jista isemmi fl-avviżi tal-Kumitat li jolqtu liċ-ċittadini taż-żona bħalma hi l-iskema tal-life-long learning li hija miftuħa għall-kull ċittadin li jixtieq jitgħallem xi suġġett partikulari.

Skema Life-Long Learning

6.11 Is-Sindku Michael Fenech Adami irrimarka sabiex il-Kumitat joqgħod attent li ċertu xogħol li sar mill-Kunsilli rispettivi ma jerġax isir mill-Kumitat għax inkella n-nies jitħawdu. Din l-iskema tal-life-long learning, il-Kunsill ta' Birkirkara diġa għamel ir-riklamar tiegħu u n-nies, anka mis-Swatar, diġa qed japplikaw għal din l-iskema. Is-Sindku Clifton Curmi qal li l-Kunsill ta' l-Imsida għamel l-avviżi tiegħu ukoll fuq il-magazine tal-Kunsill.

6.12 Il-Membru Mario Xuereb issuġġerixxa sabiex il-Kunsilli rispettivi jibgħatu lill-dan il-Kumitat l-attivitajiet u l-proġetti kollha li għandu x'jaqsmu mas-Swatar ħalli dan il-Kumitat ikun jaf bihom u ma jerġax jagħmel xogħol doppju li diġa għamlu l-Kunsilli. Kullħadd qabel ma din il-proposta.

6.13 Iċ-Chairman infurmat lill-Membri tal-Kumitat li, sas-seduta li jmiss, kull membru jgħamel mezz illi jaqra l-Memos li nħarġu mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u għas-seduta li jmiss, kullħadd irid jiġi b'xi inizjattiva sabiex il-Kumitat ikun jista' japplika għall-xi fondi addizzjonali. Memos – Applikazzjonijiet għall-fondi addizzjonali.

6.14 Is-Sindku, Michael Fenech Adami ta parir lill-Kumitat sabiex japplika kemm jiflaħ għall-proġetti biex jieħu l-finanzjament għalihom għax mhux bilfors kollha jiġu aċċettati.

## 7. Struttura tal-Kumitat u rwoli tal-membri fil-Kumitat

7.1 Iċ-Chairman Mary Rose Mifsud assenjat l-irwoli tal-membri tal-Kumitat fejn kulħadd aċċetta l-irwol tiegħu. Iċ-Chairman Mary Rose Mifsud qalet lill-membri tal-Kumitat li avolja kulħadd ser ikollu l-irwol tiegħu, kullħadd għandhu jgħin lill-xulxin. Il-karigi tqassmu kif ġej: Karigi tal-Membri

**Mary Rose Mifsud –** Ambjent, Saħħa u Edukazzjoni

**John Mary Zahra –** Toroq, Sinjali u Skart

**Jane (Yvonne) Spiteri –** Edukazzjoni u Crafts

**Mario Xuereb –** Żagħżagħ, Sports, Kultura u Ħarġiet Kulturali

**Rudolph Cini –** Anzjani, Saħħa, Kultura u Ħarġiet Kulturali

## 8. Ftehim dwar il-Kalendarju Annwali tal-Kumitat

8.1 Il-Kumitat iddeċieda li s-seduti jibdew isiru l-ewwel Tnejn ta' kull xahar fi1-5:30pm.

## 9. Aġġornament

9.1 Is-seduta spiċċat fis-6:40pm u ġiet aġġornata għall-nhar it-Tnejn, 2 ta' Awwissu 2010 fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

____________________ ____________________

Chairperson, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| **6.7** | Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat | Fis-Seduta li jmiss jiġi preżentat r-rendikont finanzjarju tas-Swatar. | Segretarju |
| **6.12** | Proġetti tal-Kunsilli Lokali fuq is-Swatar | Il-Kunsilli rispettivi jibgħatu lill-dan il-Kumitat l-attivitajiet u l-proġetti kollha li għandu x'jaqsmu mas-Swatar. | Segretarju |
| **6.13** | Memos | Jinqraw u fis-Seduta li jmiss il-Membri jiġu b'inizjattivi u ideat. | Membri |